



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2020/2140(DEC)

27.1.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2019 – Il-Kummissjoni Ewropea
(2020/2140(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Nikos Androulakis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li, fl-2019, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti") ma kkalkulat l-ebda stima tal-livell tar-rata ta' żball għall-infiq fl-ambitu tal-Intestatura 4, kif kien ukoll il-każ fl-2018; jenfasizza li l-Qorti identifikat limitazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tar-rata tal-iżball residwu (RER); jappoġġa bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Qorti, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu żvelati l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER fir-rapporti annwali tal-attività futuri tad-DĠ NEAR, kif ukoll li DĠ NEAR issaħħaħ il-kontrolli tal-istrumenti ta' finanzjament estern (EFIs) billi jiġu identifikati u evitati żbalji rikorrenti;
2. Jieħu nota tas-segwitu li l-Qorti tat għar-rakkomandazzjonijiet li għamlet fir-rapport annwali tagħha tal-2016, li kienu jeħtieġu azzjoni immedjata jew li kellhom jiġu implimentati sal-2019, u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni kienet implimentat tlieta minnhom b'mod sħiħ u waħda parzjalment;
3. Jiddispjaċih li minkejja l-appell tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni Ewropea fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 biex tuża l-fondi attwalment allokatu skont l-IPA II għall-appoġġ għas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti tat-Turkija u biex iżżid l-opportunitajiet għal kuntatti bejn il-persuni, għad-djalogo akkademiku u l-pjattaformi tal-media għall-ġurnalisti permezz ta' pakkett iddedikat ġestit direttament mill-UE, l-UE ddeċidiet li timplimenta l-azzjoni IPA 2019/42258 li tikkofinanzja x-xiri ta' 4 bastimenti tal-Gwardja tal-Kosta Torka; barra minn hekk jinsisti fuq il-bżonn li jsir monitoraġġ mill-qrib tal-użu tal-fondi tal-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-fondi jindirizzaw b'mod preċiż il-proġetti tar-rifuġjati u ma jintużawx għal xi skopijiet oħra;
4. Ifakkar li l-għanijiet ewlenin tal-politika taħt l-intestatura 4 tal-baġit 2019 huma fost l-oħrajn il-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni barra minnha, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jfakkar li kull azzjoni ffinanzjata mill-Unjoni jeħtieġ li tirrispetta dawk il-prinċipji fundamentali, jilqa' s-sejba tal-Qorti dwar xejra ġeneralment pożittiva f'termini ta' tnaqqis tal-faqar, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u għadd ta' ftehimiet ma' pajjiżi ġirien, iżda jesprimi tħassib dwar ix-xejra li sejra għall-aġħar f'termini tal-konsolidazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-istabbiltà politika; ifaħħar bis-saħħa l-isforzi tas-soċjetà ċivili madwar id-dinja fil-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fi żmien meta l-ispazju tas-soċjetà ċivili qed jiċkien u meta qegħdin jitqajmu dubji dwar l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u filwaqt li jissottolinja l-prinċipji tat-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-infiq tal-fondi pubbliċi għas-soċjetà ċivili, jisħaq fuq l-importanza li jiġi evitat li jkun hemm eċċess burokratiku u li jitqajmu suspetti bla bażi;
5. Jinnota bi tħassib is-sitwazzjoni kkumplikata fil-Belarusja; jissottolinja l-importanza li jiġi rivedut il-finanzjament tal-Unjoni u li jiġi żgurat li dan ma jkunx dirett lejn ir-reġim

ta' Lukashenko, iżda jkun ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili fil-Belarussja;

6. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-assistenza esterna għandha tiġi ffinanzjata bis-sħiħ mill-baġit tal-Unjoni u jenfasizza li l-azzjonijiet fl-ambitu tal-fondi fiduċjarji (EUTFs) huma biss soluzzjonijiet ta' tranżizzjoni sakemm jiġu sostitwiti bis-sħiħ mill-EFIs futuri, b'mod partikolari l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III); jiddispjaċih li, f'diversi każijiet, l-oġettivi umanitarji, bħall-preservazzjoni tad-dinjità u tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u ta' gruppi vulnerabbli oħra, bħat-tfal u n-nisa, ma ntlaħqux fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fl-ambitu tal-Fondi Fiducjari, bħall-Fond Fiduċjarju Madad tal-UE u l-Fond Fiduċjarju għall-Afrika tal-UE; jenfasizza li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem teħtieġ azzjoni deċiżiva; ifakkar, barra minn hekk, li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt, il-prinċipji demokratiċi, il-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, it-trasparenza, il-governanza tajba u l-paċi u l-istabbiltà huma elementi essenzjali tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Kolombja; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-iskrutinju tal-azzjonijiet tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni f'dan ir-rigward.
7. Jenfasizza l-importanza li jiżdiedu l-viżibbiltà, it-trasparenza, l-effettività, il-komplementarjetà u r-responsabbiltà tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE fid-dawl tar-ristrutturar attwali tagħhom; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-prestazzjoni tal-ENI kienet aktar ta' suċċess fil-viċinat tal-Lvant tal-UE u, f'dan id-dawl, jitlob li jsiru aktar sforzi diretti lejn il-viċinat tan-Nofsinhar tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċja;
8. Jappella għal valutazzjonijiet aktar indipendenti u pubblikament disponibbli tal-miżuri militari u ta' sigurtà ċivili u militari tal-UE, b'mod partikolari l-missjonijiet ta' taħriġ militari tal-UE, il-bini tal-kapaċitajiet ta' atturi militari f'pajjiżi terzi (is-CBSD permezz tal-IcSP), u l-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, u jiddeplora n-nuqqas ta' flessibbiltà fil-proċeduri amministrattivi u baġitarji/finanzjarji fir-rigward tal-missjonijiet ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK); itenni l-opinjoni tiegħu li l-Kummissjoni għandha tintroduċi regoli dwar l-akkwist speċifiċi għall-miżuri ta' ġestjoni tal-kriżi skont il-PSDK bil-għan li jiġi ffaċilitat it-twettiq rapidu u flessibbli tal-missjonijiet;
9. Jilqa' r-Reviżjoni mill-Qorti tar-"rispons tal-UE għall-istrateġija ta' investiment immexxija mill-Istat taċ-Ċina" ta' Settembru 2020; jenfasizza li l-Qorti identifika nuqqasijiet fil-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet fl-istrateġija attwali bejn l-UE u ċ-Ċina inkluż il-finanzjament mill-UE ta' proġetti fl-ambitu tal-istrateġija ta' investiment Ċiniża li mhumiex konformi mal-prinċipji tal-istrateġija tal-UE dwar il-konnettività; jappella li jiġu pprovduti aktar riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar il-konnettività;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-leġittimità tal-irtirar tal-funzjoni baġitarja mill-Parlament Ewropew permezz tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-EDA u l-PESCO; ifakkar li l-Artikoli 45(2) u 46(2) rilevanti tat-TUE jipprevedu li d-deċiżjonijiet jiġu adottati b'maġġoranza kwalifikata mingħajr il-possibbiltà ta' veto; ifakkar li l-irtirar tal-funzjoni baġitarja tal-PE skont l-Artikolu 42 tat-TUE huwa possibbli

għall-infiq operattiv biss u jirrikjedi deċiżjoni unanima mill-Kunsill; jissottolinja li l-Kunsill qatt ma ħa deċiżjoni simili; jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar l-allokazzjoni baġitarja aktar baxxa milli mistenni għall-FEŻ fl-abbozz attwali tal-QFP 2021-2027, u għalhekk jissottolinja l-hteġa li l-baġits militari disponibbli jintefqu bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	26.1.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 52 -: 4 0: 12
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Lars Patrick Berg, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Tanja Fajon, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Raphaël Glucksmann, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Sandra Kalniete, Karol Karski, Dietmar Köster, Stelios Kouloglou, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Claudiu Manda, Lukas Mandl, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Gheorghe-Vlad Nistor, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Giuliano Pisapia, Jérôme Rivière, María Soraya Rodríguez Ramos, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Idoia Villanueva Ruiz, Viola Von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Malik Azmani, Vladimír Bilčík, Özlem Demirel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

52	+
NI	Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Vladimír Bilčík, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Kinga Gál, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Katalin Cseh, Bernard Guetta, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Claudiu Manda, Sven Mikser, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Isabel Santos, Andreas Schieder, Sergei Stanishev, Nacho Sánchez Amor
Verts/ALE	Alviina Alametsä, Reinhard Bütikofer, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola Von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Salima Yenbou

4	-
ID	Lars Patrick Berg, Thierry Mariani, Jérôme Rivière, Harald Vilimsky

12	0
ECR	Anna Fotyga, Karol Karski, Jacek Saryusz-Wolski, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
The Left	Özlem Demirel, Stelios Kouloglou, Manu Pineda, Idoia Villanueva Ruiz

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni